MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1260/2003

**A fil-kwalita` taghha ta' legittima rapprezentati ta' bintha minorenni B ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta' l-istess minuri B.**

**vs.**

**Id-Direttur Registru Pubbliku.**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Novembru 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi skond l-estratt tac-Certifikat tat-Twelid (Dok. "A"). kunjom il-minuri B huwa 'Aquilina' li huwa kunjom ta' l--attrici *nomine* ta' xebba u dan minhabba li meta il-minuri B twieldet l-attrici *nomine* kienet ilha legalment separata minn ma zewgha, ghal aktar minn tlett snin.

Illi pero` l-istess minuri B hija maghrufa minn kulhadd bil-kunjom 'Mifsud' li huwa kunjom ommha ta' mizzewga, u ilha hekk maghrufa minn meta twieldet.
Illi l-attrici nomine tixtieq li l-minuri B tuza’ l-kunjom ‘Mifsud’ li huwa kunjom l-attrici nomine u huwa l-kunjom li kulhadd jaf il-minuri bih.
Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-kunjom ta' l-attrici huwa ‘Mifsud’.

2. Tordna li f'kull dokument pubbliku li juri l-kunjom tal-minuri B jkun korrett fis-sens li jibda jitnizzel il-kunjom ‘Mifsud'.

3. Tordna l-opportuna annotazzjoni fil-margini ta' l-att tat-twelid tal-minuri B li tghid li hi maghrufa bil-kunjom ‘Mifsud'.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat ic-certifikat tal-minuri B bint l-attrici, liema minuri twieldet fit-13 ta’ Awissu 1992 kif jidher minn estratt tac-Certifikat tat-Twelid ta’ l-istess minuri Numru 3917 tas-sena 1992 kollox kif esebita a fol. 5 u 6 tal-process bhala Dok. “A” u “B” annessi mac-citazzjoni u dikjarazzjoni attrici.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta’ Marzu 2004 esebit a fol. 7 u 9 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti ghall-prezentata ta’ l-affidavits moghti lill-partijiet fis-6 ta’ Mejju 2004 fejn l-attrici inghatat terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata sabiex tipprezenta l-affidavits kollha taghha bid-dokumenti relattivi, b’kopja lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li nghatat l-istess terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata ta’ l-affidavits taghha bid-debiti notifiki kollox kif jirrizulta a fol. 10 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku datata 27 ta' Mejju 2004 a fol 15 tal-procss fejn gie eccepit mill-istess Direttur:-

1. Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba attrici u cioe` li l-minuri B kienet dejjem maghrufa bil-kunjom ta' ommha mizzewga *'Mifsud'* u mhux bil-kunjom ta' ommha xebba li kien *'Aquilina'.*

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**Artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid tal-minuri mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-kunvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 16 u 17 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici **A** datata 3 ta' Gunju 2004 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha (fol 20) u ta' ohtha **Carmen Azzopardi** datati 3 ta' Gunju 2004 (fol 21).

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2004 fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-20 ta' April 2005 u dan minhabba indisposizzjoni legittima tal-istess Qorti kif presjeduta.

Rat ir-rikors tad-Direttur Registru Pubbliku tad-19 t'April 2005 fejn intalab differiment, u d-digriet tal-Qorti tal-20 t'April 2005 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tal-20 t'April 2005 fejn dehret Dr. Christine Bondin ghall-attrci u l-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li fadal. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta' Novembru 2005.

Rat in-notament ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia a fol. 28 tal-process fejn informa lill-Qorti li d-difensur ta’ l-attrici nformatu li ma kellhiex bzonn seduti ghaliex kienet ser tipprezenta dikjarazzjoni solenni ta’ l-Arcipriet ta’ Bormla fir-Registru tal-Qorti.

Rat in-nota tal-attrici datata 31 t’Awissu 2005 f’pagna 29 tal-process fejn permezz taghha l-attrici esebiet xi dokumenti mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “H” u dikjarazzjoni guramentata tar-Reverendu Kanoku u Arcipriet tal-Parocca ta’ Bormla Dun Joseph Mifsud datata 5 ta’ Mejju 2003 u esebita kif mahlufa quddiem in-Nutar Dr. Clinton Bellizzi kollox a fol. 30 tal-process (Dokumenti u dikjarazzjoni a fol 30 sa 38).

Rat in-notament tal-Assistent Gudizzjarju a fol. 39 tal-process fejn indika li ma jirrizultax li baqa’ provi x’jingabru.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Novembru 2005 fejn dehret Dr Christine Bellizzi ghall-attrici prezenti. Dr Roma D’Alessando ghad-Direttur Registru Pubbliku msejha diversi drabi baqghet ma dehritx, kif lanqas deher l-istess konvenut jew rapprezentant tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok tordna l-korrezzjoni fis-sens li fl-ewwel talba tac-citazzjoni attrici l-kelma *“attur”* tigi sostitwita bil-kelma *“attrici”, stante* li jidher li bi zball tnizzlet il-kelma attur li ma taghmilx sens f’din il-kawza.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ bint l-attrici B li jgib in-numru 3917/1992 *stante* li l-attrici A qed tallega li fil-fatt bintha kienet dejjem maghrufa bil-kunjom “Mifsud” u mhux

“Aquilina” kif indikat fl-istess Certifikat ta’ l-imsemmija minuri bint l-attrici u missier mhux maghruf, liema minuri twieldet fit-13 ta’ Awissu 1992.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tat-twelid tal-minuri stess Nru. 3917 tas-sena 1992 esebit a fol. 6 tal-process, u mid-diversi dokumenti esebiti a fol 31 sa 37 tal-process.

Illi fil-fatt jirrizulta li ghalkemm l-attrici A kienet legalment separata minn zewgha Louis Mifsud, hija xorta baqghet maghrufa u ggib il-kunjom ta’ Mifsud u fil-fatt taht l-istess kunjom resqet din il-kawza u dan setghet taghmlu abbazi ta’ dak provdut fl-**artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi li maz-zwieg il-mizzewgin ghandhom jiehdu l-kunjom tar-ragel, kif jidher li l-attrici ghamlet.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attrici, omm il-minuri, hadet xi pass jew talbet li tiehu xi pass abbazi ta’ l-**artikolu 62 tal-Kap 16,** u ghalhekk hija baqghet legalment bil-kunjom ta’ mara mizzewga Mifsud u dan jirrizulta li huwa l-kaz anke fl-att tac-certifikat tat-twelid ta’ bintha Numru 3917 tas-sena 1992, tant li l-istess attrici bhala omm il-minuri hija ndikata bhala A u fil-fatt jidher ukoll li l-istess dikjarazzjoni sabiex tigi registrata l-istess minuri saret minn ommha stess, l-attrici odjerna, indikata propju bhala A, kollox kif jidher mic-certifkat tat-twelid ta’ l-istess minuri B li twieldet fit-13 ta’ Awissu 1992, tant li fejn hemm id-dettalji ta’ *“Firma tal-persuna li taghmel id-Dikjarazzjoni”* din hija indikata bhala *“A”.*

Illi minn hawn jidher li l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghaliex l-attrici proprju kienet mid-data taz-zwieg iggib l-isem ta’ Mifsud u dejjem kienet maghrufa minn dak iz-zmien taz-zwieg taghha bil-kunjom Mifsud. Dan jinsab ikkonfermat mill-affidavit taghha u ta’ ohtha Carmen Azzopardi. Fl-istess affidavit taghha, l-attrici ssejjah lilha nnifisha bhala A u ffirmat l-istess affidavit bhala A li ggib il-karta ta’ l-identita` numru 249851 (M).

Illi dan ifisser li l-istess wild ta' l-attrici, u cjoe` l-minuri B li twieldet mir-relazzjoni ta' l-attrici ma' ragel li ismu mhux indikat, kellha legalment tiehu l-kunjom ta' ommha Mifsud. Bir-rizultat ta' dan l-istess minuri kellha tiehu l-kunjom ta' ommha u cjoe` Mifsud u ghalhekk jidher li l-istess minuri kellha tkun registrata bhala Mifsud u cjoe` il-kunjom ta' ommha.

Illi huwa proprju ghalhekk li qed issir din it-talba anke ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta mid-dokukenti kollha esebiti li l-istess minuri B dejjem kienet maghrufa bil-kunjom Mifsud u qatt bil-kunjom "Aquilina" u dan mit-twelid taghha sallum u dan huwa kkonfermat mhux biss mill-affidavits ta' ommha l-attrici A u oht l-imsemmija attrici Carmen Azzopardi, izda mid-dikjarazzjoni ta' Reverendu Kanoniku Dun Joe Mifsud Arcipriet ta' Bormla li b'dikjarazzjoni guramentata tieghu jghid li mir-registru tal-parocca tghamdet bil-kunjom "Mifsud" u *"hija registrata fir-registru tal-Maghmudija u l-Grizma ta' l-Isqof bl-istess kunjom Mifsud. Safejn hu maghruf B Mifsud dejjem kienet maghrufa b'dan il-kunjom".*

Illi d-dokumenti kollha esebiti mill-attrici kollha jindikaw li l-istess minuri hija maghrufa biss bil-kunjom "Mifsud" u dan jirrizulta mic-certifikat tal-Knisja ghas-sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof datat 27 ta' Ottubru 2002 (fol.31); *Certificate of Achievement* ta' *Guidehall School of Music and Drama* datat 5 ta' Lulju 2002 (fol. 32); *Certificate of Accomplishment* ta' *Guidehall School of Music and Drama* datat 6 ta' Lulju 2003 (fol. 33); certifikati ta' l-Iskola St. Francis ghas-sena 2002/2003 (fol. 35); ritratt ghall-passaport ta' l-istess minuri (fol.37) u certifikat mediku datat ta' l-istess minuri (fol.38) apparti dokumenti ohra li kollha jikkonfermaw li l-istess minuri kienet dejjem maghrufa bil-kunjom Mifsud u ghalhekk tali talba ghandha tigi milqugha anke abbazi ta' dak provdut fl-**artikolu 253 tal-Kap 16.** Fil-fatt bhala talbiet ic-citazzjoni attrici ma hijiex opposta kif jidher mill-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, biss inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-kunjom ta' l-attrici huwa 'Mifsud'.

2. Tordna li f'kull dokument pubbliku li juri l-kunjom tal-minuri B jkun korrett fis-sens li jibda jitnizzel il-kunjom 'Mifsud' b'dan li kunjom l-istess minuri B, li twieldet fit-13 ta' Awissu 1992, bint A, ghandu jigi ndikat bhala "Mifsud", u hekk ghandha ssir kull korrezzjoni ohra sabiex l-istess minuri tkun registrata w indikata anke fic-certifikat tat-twelid u kull certifikat u att pubbliku iehor bhala B Mifsud.

3. Tordna l-opportuna annotazzjoni fil-margini ta' l-att tat-twelid tal-minuri B li tghid li hi maghrufa bil-kunjom 'Mifsud', kemm-il darba din hija mehtiega sabiex tirrifletti li l-istess minuri B, li twieldet fit-13 ta' Awissu 1992, bint A, ghandu jigi ndikat bhala "Mifsud", u dan peress li l-kunjom taghha huwa fil-fatt "Mifsud" u bil-kunjom Mifsud kienet dejjem maghrufa mid-data tat-twelid taghha sallum u tordna li jsiru dawk l-annotazzjonijiet u korrezzjonijiet necessarji sabiex dan jigi rifless fic-certifikat tat-Twelid ta' l-istess minuri u kull certifikat iehor relattiv.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------